**L-għira**

Darba raġel xiħ għallimni
Xi ħaġa kbira fuq l-għira,
Qisha bħall-ponta quddiem l-għajn
Ma tħallikx tara għax xgħira.

Hawn min jgħid li jħobb bil-bosta
Imma aqta' kemm hu għajjur,
Fil-qiegħ ta' qalbu m'hemmx paċi
Iħossu tellief kulma jmur.

Li tħobb lil xi ħadd ma jfissirx
Li erħilek tikkontrollah,
Imma li tħallieh bi kwietu
Għax inkella żgur tirvinah.

Wara kollox Alla tagħna
Jarana lkoll bħala wliedu,
Mela ħobb w tistenniex lura
'l ħaddieħor taqlagħlux fwiedu.

Ħajjitna bil-wisq qasira
Taf se tmut dalwaqt, bla ma taf,
Għix ħieles u eħles l-għajrek
Ittih 'l Kristu, tgħinu jindaf.

L-imħabba vera hi ħielsa
Tħobb biss taf, ma torbot lil ħadd,
L-istess kif iħobbna Alla
Quddiemu se jidher kulħadd.

U għal min maħkum mill-għira
Ftakar li l-paġna f'daqqa ddur,
Illum ħaj, ħajja f'did-dinja
U għada magħluq fit-tebut.

Ix-xitan missier il-għira
Possessiv, ma jċedieha l'ħadd,
Timxix warajh għax ikissrek
Imbagħad la tgħidx: "Kif imradt!"

Mela ħares biss lejn Kristu
Għidlu: "Mulej, qalbi żgħira,
Agħllimni nħobb bħalek dejjem
Eħlisni mill-infern, l-għira.

Patri Mario Attard OFM Cap

20 ta’ Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.